# Is-Siġġiewi u l-Gwerra tas-Suez
## *Sittin Sena Wara*

Nicholas Vassallo D. Litt

Din is-sena jaħbat is-sittin anniversarju mill-gwerra tas-Suez. Minkejja li llum ħadd m'għadu jikkommemoraha, din il-ġrajja għadha ġo moħħi għal ħafna raġunijiet fosthom xi episodji ta' tfuliti li mhux għalkemm tinsihom. Konna Ta' Kandja fi trejqa qalb ir-raba' sewwasew wara l-grawnd tal-futbol tal-Imqabba. "Ġejja l-gwerra," qalli Nikol. Dak iż-żmien, fis-sajf tal-1956, il-grawnd kien jintuża biss mill-Ingliżi tas-Servizzi Armati, l-aktar dawk stazzjonati f'Ta' Kandja. Nikol Falzon u jien (u l-familji tagħna) konna ħbieb tal-qalb peress li konna ġirien kemm bid-dar kif ukoll fl-oqsma tal-familja. Għalhekk konna sikwit niltaqgħu 'l hemm f'Tas-Salvatur, kif aħna konna nsejħu l-inħawi ta' Ta' Kandja.

Jien qajla fhimt xi gwerra kienet dik li fuqha kien qed ikellimni l-ħabib tiegħi! Bilkemm kien għad għandi ħdax-il sena u ta' tifel li kont, dawn l-affarijiet xejn ma kienu jinteressawni. Iżda Nikol, tliet snin ikbar minni, u l-familji tagħna kienu ferm imħassbin; kellhom il-biżgħa li jekk tfaqqa' gwerra setgħet tolqotna ħażin, peress li konna daqshekk qrib waħda mit-*Transmitting Stations* l-aktar importanti għall-forzi armati Britanniċi. Għalina Ta' Kandja kienet qisha ġenna tal-art, bix-xtieli tal-ward imxebilkin mat-tined u l-bini ewlieni. Il-post kollu dejjem xummiema! Is-suldati u xi familji Ingliżi tal-*married quarters* t'hemm dejjem dħulin u eleganti bl-uniformi tas-Servizzi. Ħija Ġanni kien iħobb jitkellem ma' xi wieħed minnhom jekk jinzertahom jagħmlu r-ronda in-naħiet tagħna. Dik il-ħabta ltaqa' ma' wieħed suldat tal-lieva, naqra ta' ġuvnott ta' xi dsatax-il sena ta' mpar ħija. Għas-suldati Ingliżi l-ħruġ mill-bażi kien ikun ġo xi trakk tal-militar, libsin l-uniformi u stivati fil-kaxxa tat-trakk bilqiegħda fuq bank, wieħed ħdejn l-ieħor. Għalhekk li jagħmlu ħbieb ma' xi Malti kien għalihom l-uniku kuntatt mad-dinja ta' madwarhom. Dak is-sajf, kull darba li jkollu ftit ħin liberu, l-Ingliż kien jiġi jiltaqa' ma' ħija. Iżda darba minnhom ħija Ġanni qalilna li s-suldat Ingliż dik il-ġimgħa kellu jitlaq lejn l-Eġittu għall-gwerra tas-Suez.

Minn hemm jien fhimt li l-gwerra kienet waslet tassew għalkemm xorta waħda bqajt ma nafx xi tfisser. Illum, wara sittin sena, għax naqraw fil-kotba jew infittxu fuq l-internet nafu aħjar x'kien ġara. Wara xhur ta' tensjoni, fl-1952 il-qawwiet militari Eġizzjani ħatfu l-poter f'idejhom keċċew lir-re u l-pajjiż inbidel f'repubblika mmexxija minn Gamal Abdul Nasser. F'Lulju tal-1956 il-gvern Eġizzjan innazzjonalizza l-kumpanija tal-Kanal tas-Suez għax minkejja li l-Eġittu kien ilu indipendenti sa mill-1936 il-kanal kien għadu taħt il-kmand tal-Ingliżi u l-Franċiżi. Dawn iż-żewġ qawwiet barranin mill-ewwel fetħu kampanja ta' propaganda fuq

il-gazzetti u l-mezzi tax-xandir kontra Nasser bil-ħsieb li jtajruh mill-poter. Bil-għan li jintlaħaq ftehim, iż-żewġ partijiet qablu li jħaffu t-trattativi li kien ilhom għaddejjin sa mill-1953. Meta raw li Nasser ma ried bl-ebda mod iċedi li t-territorju Eġizzjan (il-medda tal-kanal tas-Suez) ikun ikkontrollat mill-Ingilterra u Franza, dawn waqt li qagħdu jittamaw lill-Eġizzjani, ftehmu bil-moħbi ma' Iżrael biex dan jinvadi l-Eġittu. U hekk sar! Imbagħad jumejn wara, fil-31 t'Ottubru 1956, il-qawwiet Ingliżi u Franċiżi bl-iskuża li ħtiġilhom jiddefendu l-interessi tagħhom attakkaw il-qagħdiet Eġizzjani qrib Port Said u l-kanal tas-Suez, taparsi biex iwaqqfu lil Iżrael. Sadattant, mingħajr ma ħadd kien qed jobsor, Nasser għarraq numru ta' vapuri fid-daħliet tal-kanal li, b'hekk, ma setax jintuża. Indaħlet ukoll l-Amerka: laqqgħet il-Ġnus Magħquda u ikkundannat l-azzjonijiet militari Anglo-Franċiżi. Bl-intervent ta' Lester B. Pearson, il-ministru għall-affarijiet barranin tal-Kanada, intlaħaq ftehim u l-qawwiet Ingliżi u Franċiżi irtiraw mill-kanal tas-Suez.



*Sbarkar tat-truppi fil-Port il-Kbir*

Imma s-Siġġiewi kif daħal f'dil-bixkla? Ġara li, tliet xhur qabel faqqgħet il-gwerra bejn l-Eġittu u l-Ingilterra, il-gvern Ingliż basar li ma kienx hemm possibiltà jintlaħaq ftehim ma' Nasser. Il-Prim Ministru Ingliż, Sir Anthony Eden ordna lill-qawwiet militari Ingliżi jimmobilizzaw it-truppi lejn Malta, Ċipru u Aden (fil-Yemen). F'daqqa waħda bdew deħlin fil-Port il-Kbir u Marsamxett bosta bastimenti tal-gwerra mir-Renju Unit fi triqthom lejn il-Lvant Nofsani. Is-suldati malli jirfsu l-art, permezz ta' trakkijiet u inġenji oħrajn, malajr kienu jitqassmu lejn diversi partijiet ta' Malta f'kampijiet proviżorji. In-naħiet tagħna intbagħtu bosta minnhom fil-grawnd ta' San Niklaw jew kif kien magħruf mill-qawwiet Ingliżi *Qrendi Airstrip*. Mix-xatt it-truppi kienu jittellgħu f'konvojs ta' trakkijiet militari l-biċċa l-kbira matul il-lejl biex ma jagħtux wisq fil-għajn u ma joħolqux konfużjoni fit-toroq. Wara li jgħaddu minn Triq Santa Margerita u l-Pjazza, jiġbdu għal Tal-Providenza u jibqgħu sejrin San Niklaw fejn kienu jwaqqfu t-tined tagħhom. M'hemmx għalfejn ngħidu, kultant xi inċident kien jinqala' wkoll. Darba minnhom it-trakkijiet infirdu minn xulxin; kien diġà dalam sewwa. Xħin komplew għaddejjin ġara li s-sewwieq ta' trakk kbir mimli suldati, bi żball, minn Triq Santa Margerita ġibed għat-Triq tan-

Nofs. Kif skorrew l-ewwel kantuniera weħlu u ddeċidew li jreġġgħu lura. Inġabru ħafna nisa u tfal, kollha jħarsu u jiddieħku bejniethom. Waqt din il-manuvra s-sewwieq laqat karrettun żgħir li kien hemm arbulat il-lasti 'l fuq mal-ġenb tal-ħajt. Minn dar fil-qrib ħarġet Roża, mara mdaħħla fiż-żmien bint sid il-karettun, tgħajjat u xxejjer idejha lejn il-bċejjeċ tal-karettun imwaqqgħin fl-art. F'ħakka t'għajn, minn daqs dawk nies, għosfor kulħadd u baqgħet biss Roża li ma kinitx taf titkellem bl-ingliż. Is-sewwieq, fost id-daħk tas-suldati, malajr reġġa' lura u dabbru rashom ilkoll.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li fl-1956 għall-bdiewa Siġġiwin il-karettun kien għadu l-mezz ta' trasport l-aktar popolari. Barra minn hekk it-toroq ma kinux dak li huma llum. It-triq t'Għar Lapsi bejn tarf is-Siġġiewi u Tal-Providenza kienet tant dejqa li f'xi bnadi kemm kemm kienu jgħaddu żewġ karettuni f'daqqa. Għalhekk is-Servizzi Ingliżi għall-bidu ta' Ġunju 1956 qiegħedu żewġ sentinelli, wieħed kull tarf, mgħammrin bil-*walkie talkie* u kull apparat ieħor meħtieġ u t-traffiku kien jgħaddi biss bil-permess tas-suldat daqqa minn naħa u daqqa min-naħa l-oħra. B'hekk it-traffiku għat-truppi kien ferm aktar skorrevoli. Minbarra t-trakkijiet u t-truppi kien hemm ukoll bosta skariġġ t'armamenti: kanuni, tankijiet u inġenji oħrajn. Darba, niftakar, inzertajna xi tankijiet għaddejjin min-naħa ta' Ta' Brija lejn l-Imwieġel. Kienet l-ewwel u l-aħħar darba li qatt rajt tank tal-gwerra.

Peress li Gżiritna kienet għadha kolonja Ingliża u Malta mhix wisq bogħod mill-Eġittu, l-awtoritajiet ħadu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa. Sa minn qabel is-sajf fetħu x-xelters kollha, battluhom mill-ilma u naddfuhom mill-ħmieġ u l-imbarazz li laħaq inġabar matul is-snin ta' qabel. Għalina li ma niftakrux it-tieni gwerra dinjija kien għors kbir niżlin u tilgħin nittawlu ġox-xelters! Lanqas biss stajna nimmaġinaw xi tfisser gwerra, ħadd ma kien beżgħan! In-nies ma tawx każ u l-ħajja baqgħet għaddejja qisu mhu ser jiġri xejn. Malta ma kinetx milquta minn ġlied. Iżda l-kriżi tas-Suez ġabet magħha skarsezza ta' ikel. Ċerti oġġetti, meta qam l-għajdut li ġejja l-gwerra, inħatfu u ma kontx issib tixtrihom. Mill-banda l-oħra l-Gvern kien iqassam lill-familji Maltin ikel imsejjaħ tal-CARE (*Co-operative for Assistance and Relief Everywhere*) – żejt, ġobon, butir u ikel ieħor mogħti b'xejn mill-Istati Uniti tal-Amerka. Iżda l-ħobż, l-ikel ewlieni għall-Maltin ta' dak iż-żmien, ma kienx abbundanti; bosta oġġetti bħall-għaġin, is-sapun u l-ħobż ukoll kienu għadhom razzjonati.

In-nies, l-aktar il-Qrendin u s-Siġġiwin, malli saru jafu li San Niklaw hemm is-



*Bejjiegħ tas-souvenirs*

suldati kkampjati, bdew ġejjin u sejrin iżuruhom min għall-kurżità u min biex jara x'jista' jiddobba: ulied il-bdiewa b'xi tilar f'idejhom ibiegħulhom għeneb, tin u bajtar tax-xewk imqaxxar; min idur bis-*souvenirs* u l-kartolini ta' Malta, oħrajn jagħmluha ta' parrukkiera. Il-grawnd ta' San Niklaw f'daqqa waħda inbidel qisu f'suq. Jien u l-kuġin ukoll, nhar ta' Ħadd wara l-quddiesa tat-tmienja, ta' tfal żgħar li konna kemm-il darba erħejnielha bil-mixi lejn San Niklaw induru qalb it-tined, nosservaw is-suldati jillustraw iż-żarbun u l-buttuni tal-uniformi jew inaddfu l-arma tagħhom. Tfal oħrajn ftit akbar minna kienu jiftehmu ma' xi żewġ suldati, għal xelin jeħdulhom il-ħwejjeġ għall-ħasil u wara li ommhom b'idejha taħsilhomlhom u tgħaddihomlhom irrodduhomlhom lura.

Niftakar fost l-oħrajn waħda mara imlaqqma Il-Ħaħàjja kellha bħal tinda – erba' seratizzi u liżar imdendel magħhom - kienet tqatta' l-ġurnata hemm ġo għalqa qrib xifer il-kampijiet, bil-kmiem imxammrin u l-banju taz-zingu quddiemha taħsel, tlaħlaħ u tnixxef il-ħwejjeġ minxurin għall-beraħ. Wara snin ta' għaks, il-gwerra tas-Suez (jew tas-Swezz kif kienu jgħidu n-nies, għal oħrajn Tas-Swejz) għas-Siġġiwin ġabet magħha aktar arja ta' festa milli ġlied, sogru u mwiet; fl-istess waqt ħolqot żiffa ħelwa ta' qligħ u rawwmet ġenerazzjoni ta' żgħażagħ ferrieħa, ħabrieka u intraprendenti, nies li rnexxew fil-kummerċ u f'oqsma oħrajn minkejja li ma kellhomx wisq skola.

Ħafna mis-suldati kienu jiġu u jmorru wara ftit jiem; oħrajn qattgħu ġimgħat twal ta' stennija għalkemm huma u għaddejjin fit-trakkijiet kienu jinfexxu jkantaw kanzunetti jew għana li ma konniex nifhmu. Kultant kienu jeħduhom jagħmlu l-manuvri xi mkien fid-diżabitat: lejn ix-xagħri ta' Ħad-Dingli, fil-wied ta' Ta' Brija, Pembroke Range jew bnadi oħra. Naqraw fit-*Times of Malta* tas-26 t'Ottubru 1956 li f'dawk il-jiem il-*First Battalion – Duke of Wellington's Regiment*, tlett ijiem biss qabel faqqgħet il-gwerra, in-naħa tal-*Victoria Lines* għamel simulazzjoni ta' attakk suppost b'kommemorazzjoni tal-battalja ta' El Alamein. F'inqas minn ġimgħa r-riġment salpa lejn Ċipru; it-tifkira tal-anniversarju ma kinitx għajr taħriġ għall-gwerra tas-Suez. Imma dik hi l-ħajja: tal-inqas, mill-ġlied li nqala' bosta Maltin u mhux inqas is-Siġġiwin rebħu li setgħu.

Fil-kamp ta' San Niklaw, għal mill-inqas seba' ġimgħat, kienu stazzjonati żewġ riġmenti: it-*37 Heavy Anti-Aircraft Regiment – Royal Artillery* in-naħa tat-triq tas-Siġġiewi u l-*Grenadier Guards* iktar 'il ġewwa, in-naħa ta' Ħaġar Qim. B'kollox kienu jammontaw għal aktar minn elf ruħ bejn inġiniera, riservisti, koki u bosta oħrajn. Fosthom is-surġent Jack Field li meta kien Malta fit-Tieni Gwerra ltaqa' ma'



*Suldati Ingliżi f'wieħed mill-kampijiet*



*Trakkijiet u inġenji oħrajn fil-kamp*

bħala apprendisti t-tarzna ta' Malta fosthom għadd ġmielu ta' Siġġiwin. Xi wħud, mgħallmin u mħarrġin minn nies esperti f'dan il-qasam, imxew 'il quddiem. Kien hemm minnhom li ntbagħtu jistudjaw l-Ingilterra u bil-ħila tagħhom baqgħu tilgħin sal-quċċata, bħas-Sur Nikol Baldacchino u oħrajn li taw kontribut mill-aqwa f'din l-industrija fundamentali għal Malta.

Minkejja li, bħal m'għedna aktar 'il fuq, l-Ingilterra u Franza fil-gwerra tas-Suez kellhom rebħa faċli fil-kamp militari, huma kienu mġiegħla jirtiraw mill-Eġittu. Din, għalihom, kienet telfa kbira fil-kamp politiku. Sir Anthony Eden irriżenja minn prim ministru filwaqt li Nasser ħa dak li ried. Għal xi żmien *it-tankers* taż-żejt ma setgħux jgħaddu mill-kanal; Malta u d-Dockyard tilfu ħafna mill-importanza tagħhom. Għalhekk il-gvern Ingliż, bil-ħsieb li jnaqqas in-nefqa fid-difiża, dehrlu li għandu jagħti s-sensja lil ħafna mill-impjegati tat-tarzna. F'affari ta' ftit snin id-dinja għarfet li l-kriżi tas-Suez mhux biss ġabet magħha bosta qerda u telf ta' ħajja, iżda kienet ukoll il-bidu tat-tmiem tal-imperu Ingliż u l-kolonjaliżmu Franċiż. Il-grawnd ta' San Niklaw qatt ma ntuża aktar għajr għal darba waħda meta ajruplan tal-USAF għamel inżul ta' emerġenza.

tfajla Maltija, saru jinħabbu, iżżewġu u wara snin t'esperjenza Jack sab ruħu San Niklaw jgħallem u jħarreġ lis-suldati l-oħrajn (bosta minnhom żgħażagħ tal-lieva) fl-użu ta' armi speċjali kontra l-ajruplani. Wara bidu diffiċli għas-suldati, l-awtoritajiet militari ħasbulhom għall-kumditajiet kollha. Waqt il-ħin liberu setgħu jipprattikaw bosta tipi ta' sport, ħasbulhom għal sala taċ-ċinema fejn kienu jintwerew l-aktar films reċenti mill-inqas tliet darbiet fil-ġimgħa. Il-ġuvnotti Maltin kemm-il darba rnexxielhom jagħmlu ħbieb ma' xi suldat u b'riħet hekk jidħlu magħhom jaraw xi film b'xejn. Kull filgħaxija s-suldati kellhom it-trasport provdut għall-Belt; b'hekk setgħu jitħalltu mal-Maltin. Minn daqshekk l-Ingliżi kienu jafu li l-Maltin iħobbuhom, l-aktar għal nofs il-Ħamsinijiet. Il-kriżi tas-Suez ħolqot domanda qawwija għal nies imħarrġin sewwa fil-bini u t-tiswija tal-vapuri u għalhekk bosta żgħażagħ Maltin ingaġġaw

(Minn qalbi nizżiħajr lis-Sur Louis Falzon għall-informazzjoni li għaddhieli. Inrodd ħajr ukoll lil Ms Joanne Sciberras u lil Ms Maroma Camilleri li f'isem in-*National Library of Malta* ġentilment ippermettewli nagħmel użu minn ritratti arkivjati fil-Librerija Nazzjonali.)